



Kunsill tal-Unjoni Ewropea  
Segretarjat Ġenerali

Brussell, 20 ta' April 2021

CM 2752/21

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0328(COD)**

---

---

CODEC  
CYBER  
TELECOM  
COPEN  
COPS  
COSI  
CSC  
CSCI  
IND  
JAI  
RECH  
ESPACE  
PROCED

### KOMUNIKAZZJONI

#### **PROĊEDURA BIL-MIKTUB**

---

Kuntatt: ivana.dutkova@consilium.europa.eu /  
codecision.adoption@consilium.europa.eu

Tel./Fax: Tel. +32 2 281 7125

---

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni

- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Eżitu tal-proċedura bil-miktub mibdija bid-dokument CM 2678/21

---

Id-delegazzjonijiet huma infurmati li l-proċedura bil-miktub, miftuħa bid-dokument CM 2678/21 tal-14 ta' April 2021 tlestiet fl-20 ta' April 2021 u li d-delegazzjonijiet kollha vvutaw favur, ħlief għall-Kroazja li astjeniet, l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni kif tinsab fid-dokumenti 5628/21 + REV 1 (cs) + COR 1 (de), u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill kif tinsab fl-ADD 1 għal dak id-dokument.

Il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa ntlaħqet. Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ta' hawn fuq u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill huma adottati.

Id-dikjarazzjoni mill-Kroazja hija riprodotta fl-Anness għal dan is-CM.

Id-dikjarazzjoni ta' hawn fuq ser tiġi inkluża fis-sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub bħala dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill, f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

-----

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Kroazja**

Ir-Repubblika tal-Kroazja tixtieq tesprimi l-appoġġ sħiħ tagħha għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (ir-Regolament li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà).

Madankollu, ir-Repubblika tal-Kroazja tixtieq tesprimi l-iskontentizza tagħha bil-verżjoni lingwistika Kroata attwali tar-Regolament, jiġifieri bl-ekwivalenti Kroat tat-terminu Inġliż "cyber" u d-derivattivi tiegħu fil-lingwa Kroata<sup>1</sup>, kwistjoni li qajjimna kontinwament fuq diversi livelli fil-Kunsill matul dawn l-aħħar snin.

Ir-Repubblika tal-Kroazja tinsab imħassba serjament li l-verżjoni attwali Kroata tar-Regolament tista' twassal għal inċertezza legali. Jiġifieri, il-verżjoni attwali Kroata tar-Regolament tuża terminoloġija li ma teżistix fil-leġiżlazzjoni settorjali Kroata u mhijiex frekwenti fl-użu pubbliku u professjonali, u b'hekk toħloq konfużjoni u ddgħajjef iċ-ċertezza legali, il-koerenza u ċ-ċarezza.

Għalhekk, ir-Repubblika tal-Kroazja ser tastjeni fir-rigward tal-votazzjoni dwar l-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà.

Ir-Repubblika tal-Kroazja ttenni l-pożizzjoni tagħha li t-terminoloġija użata mill-Istituzzjonijiet tal-UE għandha tkun allinjata mat-terminoloġija legali nazzjonali diġà eżistenti biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.

Ir-Repubblika tal-Kroazja tibqa' impenjata li tippromwovi ċiberspazju miftuħ, liberu, stabbli u sigur u tkompli tappoġġa l-istabbiliment u l-attivitàjiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni.

---

<sup>1</sup> L-ekwivalenti użat fil-leġiżlazzjoni Kroata huwa "kibernetički" filwaqt li t-terminu użat fir-Regolament huwa "kiber-".